SANNAT

Minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 13 ta' Jannar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1210 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 24 li saret fit-30 ta' Novembru u tal-laqgħa numru 25 li saret fil-4 ta' Diċembru 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

1211 *(para. 1010)* Rigward il-proġett tal-Unjoni Ewropea, Measure 323 għall-bini tal-ħajt tas-sejjieħ f'Ta' Saguna, il-perit għandu jibgħat id-dokumenti ta' tender. Min-naħa tal-Paying Agency tal-MRRA kitbu sabiex ninfurmawhom minn meta ser nagħmlu d-disbursement kull kwart tas-sena. Huma ġa bagħtulna €21,524.17 f'account għalieh biex jintużaw fuq il-proġett. Il-perit ippropona li l-ewwel pagament isir fl-aħħar kwart tal-2011 u l-oħrajn fis-sena 2012. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-perit.

1212 *(para. 1134)* Wara li ntbagħtet korrispondenza lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern mill-avukat tal-Kunsill u l-korrispondenza oħra mill-Kunsill, is-Sindku kellem lid-Direttur Generali s-Sur Mamo biex il-każ jitħaffef u tittieħed deċizjoni fuq il-qasma tal-art ma' John Grima u jagħtu l-linja ħalli l-Kunsill jibda x-xogħol. F'każ li l-persuna l-oħra konċernata ma taqbilx, tieħu l-Kunsill il-Qorti.

1213 *(para. 1135)* Wara li inkitbet ittra oħra lill-IPSL, dawn bagħtu żewġ ħaddiema u ġiet irranġata l-bankina ta' Emanuel Cauchi ta' Triq Dun Xand Aquilina. Wara marru biex jibdew l-bankina ta' Gregory Stellini u sabu xi diffikultajiet fosthom li ma hemmx qatran u hemm xi fili mhux imkaħħla. Il-Kunsill għandu jara s-sitwazzjoni f'Marzu li ġej.

1214 *(para.1136)* Rigward il-kwotazzjonijiet 4, 5, 6 tal-2010, il-Kunsill qabel li r-rati tal-kwotazzjoni 06/2010 tal-Hire of Vibrator roller including driver and hire of labourers for patching works

SANNAT

jiġu emalgamati ma' dawk tal-kwotazzjoni numru 05/2010 tal-hire of a tipper truck including driver for loading & unloading of cold asphalt.

1215 *(para.1137)* Fit-12 ta' Jannar 2011 kellhom jiġu tal-Malta Transport minħabba l-Bus shelter u t-Traffic Management ta' ċentru ta' Sannat, imma ma ġewx minħabba x-xita.

1216 (*para. 1138*) Rigward il-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku saret laqgħa oħra bejn is-Sindki u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija, Tax-Xagħra, Ta' Sannat u tal-Munxar biex tittieħed deċiżjoni waħda bejn il-Kunsilli Lokali konċernati li ħarġu l-offerta flimkien. Saret proposta bejn il-Kunsilli Tax-Xagħra, Ta' Sannat u Tal-Munxar li l-ammont ta' ħlas jinqasam skont kemm qed iħallsu fil-preżent il-Kunsilli Lokali. Wara ġie mistieden l-kuntrattur fejn għamel proposta li l-ħlas ikun dak preżenti ta' kull ġurnata u jiżdied b'15% miegħu skont kemm qed iħallsu bħalissa l-Kunsilli konċernati. Kull sena l-prezz jiżdied f'5%. Għal Kunsill Lokali Ta' Sannat fl-ewwel sena l-ħlas ser ikun ta' €74 kull darba, it-tieni sena ser jkun ta' € 77.70ċ, it-tielet sena jkun ta' €81.58ċ u r-raba' sena jkun ta' €85.66ċ. Ix-xogħol irrid jinħadem fuq erbat ijiem fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Fir-rigward tal-open skips il-ħlas hu ta' €4.19ċ kull skip. Fil-ġranet li ma ssirx il-ġabra li huma nhar ta' Tlieta, nhar ta' Ħamis u nhar ta' Ħadd, il-Kunsill irid iħallas ta' *tipping fees* bir-rata ta' €20 fit-tullinata, VAT mhix inkluża. Ir-rata titla jew tinżel skond il-prezz tal-ġurnata. Il-kuntratt hu għal erbgħa snin.

1217 *(para.1139)* Il-laqgħa pubblika dwar it-Traffic Management fil-lokalita' Ta' Sannat tħalliet għal laqgħa oħra.

1218 *(para.1140)* Rigward iż-żbir ta' siġar, Salvu Buttigieg beda jiżbor is-siġar tal-playing field. Id-Dipartiment tal-Agrikultura għandu jiġi mitlub jibgħat l-ħaddiema biex jiżbru s-siġar tal-oleander f'Marzu.

1219 *(para. 1147)* Rigward it-tindif tal-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq tal-Gruwa li tinfed għal Triq Mġarr ix-Xini, ġie kkuntatjat is-sid li hu bidwi mix-Xewkija. Dan għandu rampa tax-xorok. Il-kuntrattur għandu jiġi mitlub inaddaf taħta.

1220 *(para. 1146)* It-tabella Merħba ta' Triq Mġarr ix-Xini li saret minn Refalo Signs twaħħlet fin-niżla tal-bajja, faċċata tat-triq.

1221 *(para. 1152)* Il-ħarġa għat-tfal fi żmien il-Milied saret fis-27 ta' Diċembru 2010. It-tfal ittieħdu jaraw film u ngħataw *bag* tal-ħelu kull wieħed. Fit-30 ta' Diċembru saret ħarġa għaż-żgħażagħ f'Malta kif ukoll fid-29 ta' Diċembru saret il-ħarġa u l-ikla għal kulħadd f'Għawdex stess.

1222 *(para. 1155)* Inġabu s-siġar għal Triq it-28 ta' April 1688 u bdew jitħawlu. Inxtraw ukoll żewġ xkejjer peat għal istess pots tas-siġar.

1223 *(para. 1156)* It-talba sabiex issir Il-bozza ġdida mad-dar ta' Maria Hili, N.B. Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ġiet approvata.

1224 (*para.1157)* Dwar l-ilment ta' binja abbandunata fi Triq l-Ikxbiex li qed isir miżbla s-Segretarju kiteb lis-sid tal-post sabiex jagħlaq it-twieqi li huma ta' periklu. Dan ma ħax passi u għalhekk għandu jerġa' jiġi avżat b'ittra oħra.

1225 *(para. 1158)* It-talba għal bozza ġdida fi Sqaq fi Triq il-Kbira magħruf bħala Tas-Soru ġiet approvata.

1226 *(para. 1160)* It-talba għal bozza ġdida ma' ta' 3 *Iris Court*, Triq il-Moxa ġiet approvata.

1227 *(para. 1161)* Il-bozza mad-dar ta' Salvina Grima fi Triq Xabbata ġiet approvata u twaħħlet.

1228 *(para. 1162)* Rigward l-istat ta' Triq Sannat, il-Kunsill għadu ma irċeviex risposta.

1229 *(para. 1164)* Dwar it-talba sabiex issir bollard f'kantuniera fi Triq l-20 ta' Lulju għad trid tittieħed deċiżjoni għaliex din it-triq hi dejqa ħafna u tista' tkun ta' nkonvenjent għan-nies li jużaw din it-triq.

1230 *(para. 1174)* Ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni biex fl-2018 Malta tospita l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

1231 *(para. 1179)* L-offerta tal-Gillette li jagħtu *shaving blade* lil kull raġel li għandu 'l fuq minn tmintax-il sena ser titqassam fi Frar 2011.

1232 *(para. 1186)* Dwar l-iskema tal-Eko Għawdex il-Kunsill ġie nfurmat li saru applikazzjonijiet għal Triq id-Daħla ta' Ċnus, għal Sqaq Ta' Dun Anastas u l-isqaq li hemm fi Triq Ċenċ faċċata ftit 'l isfel minn Triq l-Gruwa.

1233 *(para. 1189)* Rigward ir-riklami bi ħlas fuq il-Website tal-Kunsill ġie nfurmat li dawn ir-riklami ma jistgħux isiru.

1234 *(para. 1192)* Rigward il-fanali tal-pjazza Santa Margarita ġie Anton Zarb nhar it-Tlieta u għandu jerġa' jiġi biex ikompli jispezzjona dawn il-fanali.

1235 *(para. 1194)* Rigward il-kontijiet pendenti tal-W.S.C saret laqgħa ma' Anglu Grech sabiex il-pendenzi jiġu konklużi. Wara li ġie vverifikat għas-snin 2007, 2008 u 2009 ġie miftiehem li l-Kunsill għandu jieħu €5,900. Għas-sena 2010 sa Lulju il-Kunsill għandu jieħu €2,700. Wara Lulju l-Kunsill irid jibda jippeċċja t-trinek hu u wara jitħallsa mill-WSC. Dan qed iħallsu €50 għal kull trinka u meta xi Kunsilli oħra ħarġu sejħa għal kwotazzjonijiet, il-prezzijiet kienu ferm ogħla.

1236 *(para. 1200)* It-talba biex isir bozza ġdida ma' arblu eżistenti ħdejn il-ġibjun ta' Ċenċ ma ġietx approvata.

1237 (*para. 1204)* Il-bozza ġdida fi triq ġdida fi Triq Saguna ġiet approvata mill-Enemalta.

1238 *(para. 1206)* Rigward l-Sticker mal-iSkips fejn tgħid li f'dawn l-Skips jista' jinxeħet skart domestiku biss, ta' Oliver's Smart Signs li huma coloured stickers heavy duty Size A4 kienu €6 il-waħda. Is-Sindku ġab oħrajn ta' Gozo Creations li huma tal-perspect mingħand Gozo Creations li huma isbaħ.

## Item 3. Korrispondenza

1239 Memo 146 /2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu nformazzjoni dwar il-Ġbir tal-Iskart.

1240 Memo 148/2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward iż-żieda tal-onorarja tas-Sindku.

1241 Memo 149 /2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Certifikat fil-Qari tal-Provi.

1242 Memo 149 /2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward linji gwida dwar trattament ta' provvisti minn Għaqdiet Każini tal-banda għall-fini tal-VAT.

1243 Memo 150 /2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-għeluq tas-sena finanzjarja.

1244 Memo 150 /2010 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Appraisal Reports u Performance Bonuses lis-Segretarji Eżekuttivi.

1245 Memo 1/2011 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Insaħħu l-komunita' Riġenerazzjoni f'oqsma tal-bini tal-Gvern.

1245 Memo 2 /2011 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Proċess ta' Digital Switchover biex jitneħħew l-airels minn fuq il-bjut sa' 1 ta' Ġunju 2011.

1246 Il-Kunsill irċieva l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2011 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħata €200,208. Dawn huma allokati hekk:

| | |
|---|---|
| Parki, Gonna u soft areas | €3,731 |
| Manutenzjoni ta' toroq | €56,136 |
| Immaniġġjar tal-iskart | €42,213 |
| Nefqa għall-Amministrazzjoni | €78,857 |
| Fondi għall-Aġġustament | €10,754 |
| Ammont allokat għal Tipping Fees | € 8,517 |

1247 Il-Kunsill ġie mitlub biex jindika dawk it-toroq li ser isiru bit-tarmak fil-2011. Il-Kunsill għandu jagħti t-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju.

1248 Intalbet informazzjoni mid-Dipartiment dwar l-iskema 24/2009 dwar Aċċessibilta' aħjar fil-lokalitajiet fejn il-Kunsill ingħata l-fondi. Il-Kunsill qabel li terġa' toħroġ tender bi speċifikazjonijiet ġodda għal passenger lift.

1249 Il-Kunsill irċieva email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser jeħel penali ta' €9,040.50ċ talli ma fetaħx l-uffiċċju amministrattiv matul numru ta' Sibtijiet fil-2010. Din il-penali ser titnaqqas mill-allokazzjoni tal-2011.

1250 Il-Kunsill ser jingħata €4,000 għall-applikazzjoni tiegħu tal-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011. Din l-attivita ser issir fuq jumejn, imma fil-Weekend ta' qabel għaliex ser ikun hemm in-Notte Gozitana.

1251 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali lis-Segretarju fejn talbu informazzjoni rigward il-proċess tal-għażla tal-iskrivan Part Time skala 15 mal-Kunsill.

1252 Ittra mingħand Mario Borg mis-Segretarjat għall-konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali biex nibgħatulu kopja tal-Grant Agreement dwar il-Progett *Conservation and*

SANNAT

*Upgrading of the Rural Heritage* fejn il-Kunsill kien qed jingħata l-Ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill ingħata €7,968.

1253 Saret laqgħa dwar il-Belt Kapitali Europea tal-Kultura fil-2018 fejn attendiet il-Kunsilliera Marlene Muscat.

1254 Ittra mingħand Cynthia Misokova rigward il-konferenza ta' Gemellaġġi li hi maħsuba ssir din is-sena fil-11 u 12 ta' April.

1255 Risposta mingħand Stefan Riolo ta' ittra li nkitbet minn George Azzopardi fuq talba tas-Sindku sabiex issir laqgħa rigward il-possibbilta' li tiġi restawrata l-pompa tal-ilma l-antika li hemm fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Dan qal li aħjar jerġa' jiġi kkuntatjat wara l-15 ta' Jannar 2010.

1256 Nhar il-Ħamis, 6 ta' Jannar 2011 saret laqgħa tal-Kumitat Reġjonali u wara laqgħa oħra tal-Kumitat Konġunt.

1257 Fuq talba tal-Arka Respite Centre il-Kumitat Reġjonali stieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw attivita sportiva biex tiġi kkomemorata l-10 snin mit-twaqqif tal-fondazzjoni fejn kull parteċipart jiġi mitlub jagħti donazzjoni żgħira. Il-Kunsill qabel li ssir logħba futbol.

1258 Ittra mill-uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward laqgħa li ser issir fil-4 ta' Frar 2011 dwar is-sigurta' fil-playgrounds tal-lokalitajiet. Din il-laqgħa ser issir mill-Awtorita' Maltija dwar l-Istandards (MSA). Ser ikun responsabilta' tal-Kunsilli Lokali li jassiguraw li n-nuqqasijiet li hemm jiġu ndirizzati.

1259 Ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn fuq talba tas-Sindku iffissa l-laqgħa mas-Sindku għal 20 ta' Jannar 2011 fl-uffiċċju tal-Kummissarju fil-Floriana. Din il-laqgħa ser issir dwar il-bini eżistenti tal-uffiċċini tal-Kunsill sabiex isir child care centre.

1260 Ittra mill-MEPA li l-Statement of Funds tal-Urban Improvement Funds hu ta' €14,151.55ċ.

1261 Invit mill-MEUSAC għal laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-futur tal-Cohesion Policy li ser issir nhar il-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011.

1262 Ittra mingħand il-project manager tal-progett EU LIFE+Project on Bird Migration and Trapping tal-BirdLife fejn talab laqgħa mas-Sindku biex issir laqgħa ma rappreżentanti tal-Kunsill bil-għan li wara ssir laqgħa għan-nassaba mil-lokalita' ta' Sannat. Il-Kunsill intalab jgħin biex jsiru dawn il-laqgħat man-nies konċernati.

1263 Ittra Invit għal Lead Applicant Workshop tal-*4th call for project proposals under the INTERREG IV C Programme l*i ser isir fil-20 ta' Jannar 2011.

1264 Ittra mingħand Joe Salerno fejn ippropona li ssir attivita' fis-sajf li ġej bl-isem "Una Vacanza da Ballo Triangulare" li tinvolvi l-ibliet kollha tal-Italija, inkluż l-post li l-Kunsill ta' Sannat għandu ġemellaġġ miegħu. Hu ppropona li dan il-flyer li ser jibgħat, jintbagħat lis-Sindku ta' Pisoniano biex forsi jgħinu jagħmel dak li jixtieq u forsi jipproponieh lil xi lokalitajiet ta' madwar il-viċinanza.

1265 Ittra lill-Kunsill mis-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistant Prinċipal u l-Iskrivana tal-Kunsill sabiex il-leave u time off in lieu jiġi transferit għal din is-sena.

1266 George Azzopardi reġa kiteb rigward l-istudenta li tkun tista' tagħmel x-xogħol marbut mal-pubblikazzjoni tar-rapport ta' l-iskav ta' Għar ix-Xiħ.

1267 Ittra mill-Moviment ta' Kana dwar il-Konkors Familja Qalb tad-Deheb 2010.

1268 Ittra mill-Fergħa tal-Mużew tas-Sibien tan-Nadur dwar ktieb li ppubblikaw bl-isem "Il-Ħabib Isejħu bl-istejjer" li qed jinbigħa għall-prezz ta' €8. Il-Kunsill approva x-xiri ta' dan il-ktieb għal-librerija tal-lokal.

1269 Il-Kunsill approva x-xiri tal-ktieb ta' Joe Camilleri bl-isem "Żwiemel ir-riħ" għall-prezz ta' €8 biex jitpoġġa fil-librerija tal-lokal.

1270 Ittra mingħand l-Enemalta dwar taħdita li qed joffru rigward il-konsum tal-enerġija tal-apparat.

1271 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali avżat li l-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir fit-21 u t-22 ta' Jannar 2011 fil-Lukanda Calypso f'Marsalforn.

1272 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li n-notice boards għal avviżi tal-MEPA għandu preferibilment jiġu mwaħħla ma' ħajt.

1273 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-20 ta' Diċembru organizat attivita fejn ingħataw xi kotba u letteratura lill-Kunsilli Lokali.

1274 Ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza rigward il-politika nazzjonali li ser issir nhar il-Gimgħa, 18 ta' Frar 2011 fid-9.00 ta' filgħodu li tirrigwardja l-progett tal-INTERREG IVC msejjaħ SHARP.

1275 Ittra mill-MEPA li mhux ser jibgħatu iktar *hard copy* tal-applikazzjonijiet, imma email u aktar informazzjoni tinkiseb minn fuq il-website tal-MEPA stess.

1276 Tal-Wise Owl kitbu li qed joffru €200 voucher b'xejn ma' kull €200 flus li jintefqu fuq kotba sal-aħħar ta' April 2011. Il-Kunsill qabel li jixtri dawn il-kotba.

1277 Ser jittella' programm minn NET TV fir-Rebbiegħa li ġejja minn Għawdex li ser ikun jismu it-Tokk dwar karatteristiċi f'Għawdex. Dawk li huma interesati li jieħdu sehem f'dan il-programm għandhom jinfurmawhom.

**Item 4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

1278 L-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill

Il-kuntrattur li qed jagħmel x-xogħol tal-bibien għandu ilesti x-xogħol sa' l-aħħar ta' Jannar 2011. Il-kaħħal għandu ilesti t-toilets u xi xogħlijiet żgħar li għand baqa'. Rigward is-sistema ta' dawl il-Kunsill għandu jixtri t-tubi u matejal ieħor konnessi direttament max-xogħol. Wara l-Kunsill iqabbad lil xi ħadd sabiex jinstalla dawn it-tubi u dawl ieħor. Jekk possibbli juża' l-electrician li qed jgħaddi d-dawl fil-Kunsill il-ġdid.

SANNAT

1279 Is-Sistema tat-Traffiku

Din il-materja tħalliet għal laqgħa oħra biex tiġi diskussa fid-dettal.

1280 Servizz ta' Accounts

Is-Sindku ppropona li jitqabbad xi ħadd biex jagħmel x-xogħol ta' accounts tal-Kunsill. Il-Kunsilliera ma qablux mal-proposta tas-Sindku għaliex għal Kunsill tkun spiża żejda meta ġa hemm persuna li qed tagħmel dan ix-xogħol. Barra minn dan ġa hemm l-awditur imqabbad mill-gvern ċentrali. Għandu jiġi vverifikat kemm jiswa dan ix-xogħol ta' accounts tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li inutli li nqabbdu lil xi ħadd biex jagħmel ix-xogħol tal-accounts meta qed ikun hemm ħafna kontijiet pendenti mill-Kunsill għaliex mhux qed ikunu approvati kull xahar.

1281 Fuljett tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li jippublika fuljett rigward il-Kunsill darba fis-sena.

**Item 5. Performance Bonus tal-Impjegati**

1282 Il-performance bonus tal-impjegati tħalla għal darba oħra biex isir il-performance appraisal.

**Item 6. Laqgħa tal-Lokalita'**

1283 Il-Laqgħa Annwali tal-lokalita' ser issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2011 fis-6.45 ta' filgħaxija.

**Item 7 Ftuħ u għoti ta' Tender tar-Ready Mix Concrete and related materials.**

1284 Infetħu t-tenders tal-Ready Mix Concrete u materjal relatat. Inxeħtu żewġ offerti li kienu:

Schedule of Tenders

Tender No. 06/2010

Tender for the Provision of Ready Mix Concrete and related material for Sannat Local Council.

Closing date 29 th December 2010 at noon

Tenderer No. 1 Name of Contractor Gatt Tarmac Ltd.

| No | Description | Unit | Qty. | Rate EUR | Amount EUR |
|---|---|---|---|---|---|

Supply of concrete and related materials

SANNAT

**Supply and Delivery of the following materials on site as requested by the employer**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Grade 10 lean mix concrete | cub. Mts. | 1 | EUR 29.00 | EUR |
| 2 | Grade 15 concrete | cub. Mts. | 1 | EUR 41.00 | EUR |
| **3** | **Grade 20 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 49.30 | EUR |
| **4** | **Grade 25 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 50.00 | EUR |
| **5** | **Grade 30 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 55.00 | EUR |
| **6** | **A98 steel reinforcement mesh** | Sq. Mts. | 10 | EUR 1.50 | EUR |
| **7** | **C503 steel reinforcement mesh** | Sq. Mts. | 10 | EUR 3.60 | EUR |

Tenderer No. 2 Name of Contractor Road Construction Ltd.

| No | Description | Unit | Qty. | Rate EUR | Amount EUR |
|---|---|---|---|---|---|

Supply of concrete and related materials

**Supply and Delivery of the following materials on site as requested by the employer**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Grade 10 lean mix concrete | cub. Mts. | 1 | EUR 20.00 | EUR |
| 2 | Grade 15 concrete | cub. Mts. | 1 | EUR 42.00 | EUR |
| **3** | **Grade 20 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 53.00 | EUR |
| **4** | **Grade 25 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 56.00 | EUR |
| **5** | **Grade 30 concrete** | cub. Mts. | 1 | EUR 59.00 | EUR |
| **6** | **A98 steel reinforcement mesh** | Sq. Mts. | 10 | EUR 1.70 | EUR |
| **7** | **C503 steel reinforcement mesh** | Sq. Mts. | 10 | EUR 4.00 | EUR |

SANNAT

Il-Kunsill għażel dik ta' Gatt Tarmac Ltd. li kienet l-irħas waħda.

**Item 8 Materja Oħra**

1285 Rigward il-ħaddiema, il-Kunsill ser iħalli sa laqgħa oħra biex jara x'ser ikunu għamlu sa dak inhar.

**Item 9. Ilmenti**

1286 Is-Sur Stephen Vella li joqgħod f'Triq Qortina ilmenta dwar il-klieb li qed iqattgħu il-boroż tal-iskart.

1287 Anna Van Breemen kitbet li skip wieħed fi Triq Skerla mhux biżżejjed u hemm bżonn li jitpoġġa ieħor.

1288 Mahoney Patrica, 77, Triq il-Kbira ilmentat dwar ħofra li hemm fi Triq il-Kbira.

1289 Leli Attard, superjur tal-Meuseum Sbien talab biex il-bank miksur fejn il-Museum jiġi rranġat.

1290 Joseph Mizzi, Piccolo Fiore, Triqk Lifurna, Marsalform talab biex issir bankina quddiem il-post ġdid li bena bejn il-postijiet bin-numri 6 u 9 fi Triq Cenc.

1291 Ilment ta' Joe Bajada dwar patching ta' toqob fit-toroq ta' Sannat.

1292 Jason Mercieca, Triq ix-Xewkija, Sannat talab biex il-bozza li hemm imwaħla mal-faċċata ta' dar tiegħu li kienet imwaħħla ftit 'l isfel mill-post li qiegħda issa u għamlet l-ħsara lill-faċċata. Dan jixtieq li titwaħħal aħjar jew b'xi brackets jew titneħħa minn mal-faċċata għaliex terġa tikkawża l-ħsaret.

**Item 10 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

1293 Ġew approvati l-pagamenti skont Skeda Numru 12 annessa mal-minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2011 fis-7.00 p.m.

Arthur Bajada — Philip Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku

SANNAT

# Kunsill Lokali Ta' Sannat

***SKEDA TA' PAGAMENTI NUMRU 12***

Perijodu sal- Ħamis 13 ta' Jannar 2011

| | Ħlas lil | Deskrizzjoni | Ammont € |
|---|---|---|---|
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Ottubru 2010 | 248.02 |
| | Local Councils Association | Registrazzjoni laqgħa Kunsillieri 20.11.2010 | 50.00 |
| | Director of Information | Avviż Tender 06/2010 provista ta' ready mix u materjal relatat | 9.32 |
| | Ta' Sannat Local Council | Petty Cash | 177.49 |
| | Maltapost p.l.c. | 500 bolla tan-19ċ | 95.00 |
| | Arthur Bajada | Salarju Novembru 2010 | 1428.37 |
| | Jason Curmi | Salarju Novembru 2010 | 1123.85 |
| | Geraldine Mercieca | Paga Novembru 2010 | 321.83 |
| | Philip Vella | Honoraja tas-Sindku Novembru 2010 | 420.03 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Novembru 2010 | 1267.24 |
| | ARMS Ltd. | Applikazzjoni dekorazzjoni tad-dwal tal-Milied | 130.00 |
| | Segretarju Permanenti OPM | Avviżi Tenders fuq The Malta Indipendent | 137.50 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Novembru 2010 | 246.33 |
| | Dr Monica Vella | Chairwomen fil-Ġurija ħatra tas-skirvan/a part time | 180.00 |
| | Ignitius Abela | Membru fil-Ġurija ħatra tas-skirvan/a part time | 120.00 |
| | Joseph Xuereb | Membru fil-Ġurija ħatra tas-skirvan/a part time | 120.00 |
| | MEPA | Bilanċ dovut lill-MEPA applikazzjoni PA/04931/10 Il-Bidwi Park | 38.50 |
| | Castle Hill Ltd. | Film waqt il-Ħarġa tal-Milied tat-tfal | 258.30 |
| | Philip Vella | Honoraja tas-Sindku Diċembru 2010, arretrati 2010 u allowance | 3158.47 |
| | Anthony Mercieca | Allowance tal-Viċi Sindku minn Lulju sa Diċembru 2010 | 480.00 |
| | Teddy Bajada | Allowance tal-Kunsillier minn Lulju sa Diċembru 2010 | 480.00 |
| | Joseph Bajada | Allowance tal-Kunsillier minn Lulju sa Diċembru 2010 | 480.00 |
| | Marlene Muscat | Allowance tal-Kunsillier minn Awwissu sa Diċembru 2010 | 400.00 |
| | Manuel Tabone | Allowance tal-Kunsillier Lulju 2010 | 80.00 |
| | Jason Curmi | Nuqqas fis-salarju għax xahar ta' Lulju 2010 | 33.63 |
| | Commissioner of Police | Pulizija waqt il-laqgha dwar it-traffiku 27.10.10 | 19.13 |
| | Media Link Communications Co Ltd. | Avviż - Laqgħa dwar it-traffiku 27.10.2010 | 101.48 |
| | G4S Security Services (Malta) Ltd. | Cash Transit għax-xahar ta' Ottubru 2010 | 30.44 |
| | Union Print Co.Ltd. | Avviż - Laqgħa dwar it-traffiku 27.10.2010 | 81.37 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' Librara Ottubru 2010 | 87.45 |
| | Mallia Property & Dev Co. Ltd. | Materjal għat-twahhil ta sinjali f'Mgarr ix-Xini | 66.00 |
| | Guard and Warden Service House | Gwardjani Jum Dinji tat-tfal 14.11.2010 | 35.40 |
| | Dr Tek Computers | Inka tal-printer tal-pcs | 149.79 |
| | Local Councils Association | Performance Rights għas-sena 2009 - 2010 | 36.00 |
| | Office Club | Stazzjonarju | 276.26 |
| | Mario Mallia | Tabelli tat-35 Zone 7Triq il-Kbira u 2clean after your dog Triq S. Marija | 253.82 |
| | Flower zone | Kuruna għaċ-Ċimiterju fl-1 ta' Novembru 2010 | 30.00 |
| | Land Department | Kera ta' art tal- Il-Bidwi Park minn 29.9.2010 sa 28.9.2010 | 250.00 |
| | Refalo Signs | Tabella Merħba Mġarr ix-Xini, dog's litter bin u twaħħil ta' sleeping police | 595.90 |
| | Office Club | Stazzjonarju | 171.75 |
| | Klabb Kotba Maltin | Kotba għall-Librerija | 77.50 |
| | Alfa Co. Ltd. | Photocopier | 1400.00 |
| | Mary Mifsud | Cultural Leader Ottubru 2010 | 75.00 |
| | KIP Għawdex Ltd. | Ġbir ta' skart domestiku u skips Lul, Aww, Sett, Ott 2010 (less Credit Note) | 5062.61 |
| | Flower zone | Kuruna għaċ-ċerimonja ta'Jum it-Tifkira 11.11.2010 | 30.00 |

SANNAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Richard Cauchi | Tiswija ta' lampi tat-Toroq f' Ottubru 2010 | 646.48 |
| | Richard Cauchi | Tiswija ta' lampi tat-Toroq f' Novembru 2010 | 806.95 |
| | Maria Homoki | Jum Dinji tat-tfal entertainment 14.11.2010 | 450.00 |
| | Gozo Vision Studio | Ritratti waqt Jum Dinji tat-tfal | 80.00 |
| | Muscat Grocery | Halib waqt Jum Dinji tat-tfal | 40.01 |
| | Acc. Public Cleansing Dept. | Servizz ta bulky refuse Ottubru 2010 | 24.44 |
| | Local Councils Association | Assikurazzjoni tal-flus tal-Kunsill | 63.00 |
| | Office Needs | 5 kaxxi karti A4 | 100.00 |
| | Emanuel Tabone | Transport Sannat - Mġarr u lura ħarġa għal Malta 17.10.2010 | 35.40 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċju u librerija Novembru 2010 | 70.65 |
| | Sannat Lions F.C. | Tindif tat-Toroq urbani Novembru 2010 | 595.24 |
| | Rev. Canon G. Farrugia | Parti mill-akkomodazzjoni tal-istudenti ta' l-iskavar ta' Mġarr ix-Xini | 2426.94 |
| | Anthony Pace | Parti mill-overtime at Għar ix-Xiħ Mġarr ix-Xini Regional park | 1716.85 |
| | Adrian Borg | Parti mis-Survey ta' Mġarr ix-Xini Regional Park | 420.00 |
| | Frank Chetcuti | Parti mill-konservazzjoni tal-fdalijiet Għar ix-Xiħ f'Mġarr ix-Xini Reg. Park | 50.00 |
| | Roseanne Attard | Nurse g]all-labra ta' l-influwenza 2010 | 20.00 |
| | Jason Micallef | 200 muffins għal Jum dinji tat-tfal | 80.00 |
| | Soc. Mużikali Sta Margerita | Tindif tal-latrina pubblika 21.10.2010 sa 20.11.2010 | 134.66 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' librara Novembru 2010 | 69.96 |
| | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Contract Manager's Lulju 2010 | 38.76 |
| | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Contract Manager's Novembru 2010 | 38.76 |
| | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Administration fee bozzoz ġodda Triq ix-Xabbata u Triq Ta' Ċenċ | 54.96 |
| | Office Club | Karti A4 tal-kulur | 85.60 |
| | Joseph Caruana | 3 kanni galvanizati għat-tabelli tat-35 zone u tal-ħmieg tal-klieb | 78.00 |
| | ARMS Ltd. | Dawl Monument/Funtana 23.6.2010 - 23.8.2010 | 147.10 |
| | Rapa Showrooms Co. Ltd. | Żebgħa u Silicon għall-presepju | 40.27 |
| | Dr Tek Computers | Inka safra tal-printer tal-pc 2 | 43.98 |
| | K.I.P. Għawdex Ltd. | Ġbir ta' skart domestiku u skips Novembru 2010 | 1982.55 |
| | G4S Security Services (Malta) Ltd. | Cash Transit għax-xahar ta' Novembru 2010 | 22.83 |
| | George Azzopardi | Parti mir-remburs ta' spejjeż tal-Loġġa u Għar ix-Xiħ | 22.67 |
| | Joe Louis Caruana | PA system fil-World Children Day 14.11.2010 | 100.00 |
| | Mezilla Ltd. | Kiri ta' ġerenator għal Jum Dinji tat-tfal | 233.62 |
| | Synergy | Performance fin-Notte Scarlata | 125.00 |
| | Bonu Garage | Coach għal ġurnata waqt ħarġa f'Malta 17.10.2010 | 180.00 |
| | Dr Tek Computers | Cyan toner għal pc 2 | 43.98 |
| | Mary Mifsud | Cultural Leader November 2010 | 75.00 |
| | The Guard & House Ltd. | Servizz ta' gwardjani lokali | 23.76 |
| | Director Tourism & Economics Dev. | Bulky refuse Novembru 2010 | 9.78 |
| | Simon Sultana | Kiri ta' High Up għal żbir tas-siġar fi Triq il-Kbira | 51.00 |
| | Mario Mallia | Traffic Mirror Triq il-Gruwa u Triq il-Kbira c/w Triq l-10 ta' Ottubru 1942 | 207.47 |
| | Mario Mallia | Żebgħa tat-toroq | 137.25 |
| | Director Tourism & Economics Dev | Bulky refuse Lulju 2010 | 43.99 |
| | Portelli Print | 5 kaxxi envelopes bil-logo tal-Kunsill | 103.84 |
| | Sannat Lions F.C. | Tindif tat-Toroq urbani Diċembru 2010 | 595.24 |
| | Sannat Lions F.C. | Użu tal-Ground pitches tal-Boċċi għal league | 80.00 |
| | Sannat Lions F.C. | Użu tal-Ground tal-football grawnd | 150.00 |
| | Joseph Attard | Open skips għal ġbir ta' żbir ta siġar | 212.40 |
| | Franco Azzopardi | Sports Leader 1.6.2010 sa 30.11.2010 | 232.94 |
| | Owl Wise | Kotba g]all-Librerija | 236.87 |
| | G & R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u librerija Diċembru 2010 | 70.65 |

SANNAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Dr Grazzio Mercieca | Servizzi Legali minn 24.5.2010 sa 23.11.2010 | 349.40 |
| | Emanuel Tabone | Transport ħarġiet fi żmien il-Milied | 177.60 |
| | F. Zammit Nurseries Co Ltd. | Siġar tad-Derru flok dawk neqsin fi Triq 28 ta' April 1688 | 227.72 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' Librara Diċembru 2010 | 116.60 |
| | KIP Għawdex Ltd. | Ġbir ta' skart domestiku u skips on wheels Diċembru 2010 | 2007.82 |
| | Flower Zone | 2 xkejjer compost tal-120 lts għal pots fi Triq 28 ta' April 1688 | 31.00 |
| | Office Club | Stationarju | 94.25 |
| | WasteServ Malta Ltd. | Depositu fil-Landfill minn Ġunju sa Novembru 2010 | 5969.88 |
| | Gino Garage | Transport f'Malta gĦal laqgĦat tal-Kunsill taż-Żgħażagħ | 118.00 |
| | G4S Security Services Malta Ltd. | 4 cash in transit Diċembru 2010 | 30.44 |
| | Leo's Garage - Paramount | Transport f'Malta Ħarġa taż-Żgħażagħ 30.12.2010 | 153.40 |
| | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Contract Manager fee Diċembru 2010 | 38.76 |
| | Alberta | Installazzjoni tal-photovoltanic system fl-Uffiċċju l-ġdid (less 5% retention) | 4405.22 |
| | Local Councils Association | Laqgħa tas-Sindki 21 u 22 Jannar 2011 | 85.00 |
| | Office Club | Files u pocket files | 38.50 |
| | Michael Bugeja | Tiżjin bid-dwal tal-Milied fi Triq Sannat u Pjazza | 999.00 |
| | Acc. Public Cleansing Dept. | Bulky refuse Diċembru 2010 | 19.55 |
| | Dr Tek Computers | Inka blu tal-printer pc1 | 54.96 |
| | Dr Tek Computers | Inka sewda tal-printer pc2 | 48.10 |
| | Moby Dick Restaurant | Ikla ta' nofsinhar waqt il-Har[a g]al kull]add | 382.00 |
| | Gozo Express Services | Servizz ta' Kurier Malta | 16.52 |
| | Mary Mifsud | Servizz ta' Cultural Leader Di`embru 2010 | 75.00 |
| | | | |
| | TOTAL | € | 49,051.35 |